

Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7381/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0056(BUD)**

**FIN 225
PE-L 7**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7102/24 (COM(2024) 80 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2024: Emendi għall-baġit għall-2024 meħtieġa minħabba ir-reviżjoni tal-QFP

1. Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2024¹ li jintroduċi l-bidliet meħtieġa għall-baġit għall-2024 li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Ir-Regolament QFP emendat² japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024 u jinkludi, fost l-oħrajn, emendi għal-limiti massimi tal-QFP li ġew ikkomunikati fl-aġġustament tekniku aġġornat tal-QFP għall-2024 fil-forma ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fid-29 ta' Frar 2024³, kif previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament QFP.

¹ Dokument 7102/24.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

³ Dok. 7103/24 (COM(2024) 110 final).

Sabiex jirrifletti l-impatt tar-reviżjoni tal-QFP fuq is-sena finanzjarja 2024, l-ABE Nru 1/2024 ikopri l-elementi li ġejjin:

- il-ħolqien tan-nomenklatura baġitarja u r-rimarki biex jipprovdu għall-Faċilità għall-Ukrajna⁴, u l-mobilizzazzjoni tal-istrument speċjali l-ġdid, ir-Riżerva għall-Ukrajna, b'ammont ta' EUR 4.8 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u EUR 3.8 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) għall-appoġġ tal-Unjoni għajr fil-forma ta' self, inkluż appoġġ amministrattiv, f'konformità mar-Regolament QFP;
- it-tisħiħ tal-Fond Ewropew għad-Difiża fil-qafas tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)⁵ b'EUR 376 miljun f'a/i;
- l-aġġustament għan-nomenklatura baġitarja sabiex ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza tinqasam f'żewġ strumenti separati u biex jiżdiedu l-ammonti għal kull strument;
- il-ħolqien tan-nomenklatura baġitarja u kummenti biex jiprovdu għall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, b'ammont ta' EUR 501 miljun f'a/i frizerva u EUR 23.9 miljun f'a/p, frizerva sakemm tiġi adottata l-bażi legali;
- it-tnaqqis tal-livell ta' a/i tar-riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) b'EUR 175.7 miljun fl-2024.

Barra minn hekk, l-ABE Nru 1/2024 jinkludi aġġustament għall-kummenti baġitarji tal-linja baġitarja għan-nefqa ta' appoġġ tal-Programm Ewropa Diġitali wara l-ftehim politiku li ntlaħaq f'Diċembru 2023 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Ufficiju għall-Intelliġenza Artifiċjali.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, ĠU L, 2024/792, 29.02.2024.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241, ĠU L, 2024/795, 29.02.2024.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 1/2024 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 5 833.7 miljun f'a/i u żieda ta' EUR 4 143.6 miljun f'a/p.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar dan l-abbozz ta' baġit emendatorju mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 1/2024 fil-laqgħat tiegħu tal-1 u t-8 ta' Marzu 2024, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fi tmiem l-eżami tiegħu, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024 kif tinsab fil-punt 3;
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, kif tinsab fid-dokument 7382/24, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : il-President tal-Kunsill

lil : il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għas-sena finanzjarja 2024⁶, adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Marzu 2024.

(Formola tal-għeluq).

⁶ Dok. 7432/24 + ADD 1.